# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 5 ta Lulju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 653/2019MH:**

**Numru:1**

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) li Bid-digriet tat-23 ta' April, 2021 assumiet l-atti Minfloka Argus Insurance Company (Europe) Ltd. (C1216)**

**Vs**

**Abela Annetta li b'digriet tat-27 ta Novembru l-isem ġie mibdul għal Anne u Abela Jeancarl**

Il-Qorti.

Rat ir-Rikors Ġuramentat fejn ġie premess u mitlub kif ġej:

1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Argus Insurance Agencies Ltd, bħala aġenta tas-soċjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, kienet ħarġet polza t'assigurazzjoni illi tkopri l-użu tal-vettura JAO 034 (kopja taċ-ċertifikat t'assigurazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok. AIA1);*

2. *Illi tali polza kellha kundizzjoni illi l-vettura setgħet tinstaq biss minn persuni 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena;*

3. *Illi l-vettura JAO 034 kienet involuta f'inċident stradali datat is-26 ta' Diċembru 2012, fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, waqt illi kienet qed tiġi misjuqa minn Jeancarl Abela, li dakinhar tal-inċident ma kienx għalaq l-25 sena u għaldaqstant ma kienx sewwieq awtorizzat ai terminti tal-polza t'assigurazzjoni;*

4. *Illi permezz ta' arbitraġġ numru M3535/13 fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited noe et vs Fogg Insurance Agencies Limited, Jeancarl Abela instab responsabbli għall-inċident hawn fuq imsemmi u bis-saħħa tal-Kap. 104, is-soċjeta' rikorrenti instabet responsabbli in solidum ma' Jeancarl Abela sabiex tħallas l-ammont ta' għaxart elef, mija u sebgħin Euro (€10,170), bl-imgħax u bl-ispejjeż, lir-rikorrenti fl-arbitraġġ (kopja tal-'award' hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AIA2).*

5. *Illi stante illi jirriżulta illi fil-mument tal-inċident kien hemm ksur tal-polza t'assigurazzjoni maħruġa mir-rikorrenti u li kienet tkopri l-użu tal-vettura JAO 034, is-soċjeta' rikorrenti għandha d-dritt, ai terminti tal-'proviso' tal-artiklu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li ddur kontra l-intimata Annetta Abela, bħala l-persuna assigurata, u Jeancarl Abela, bħala s-sewwieq mhux awtorizzat, sabiex tirkupra l-ammont imħallas minnha li komplessivament jammonta għal sittax-il elf mitejn u ħamsa u tletin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€16,235.65), flimkien ma' spejjeż oħra ġudiżjarji.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq suesposti, is-soċjeta' rikorrenti umilment qegħdin titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi fil-mument tal-inċident tas-26 ta' Diċembru 2012, fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, li seħħ bejn il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni JAO 034 u BBW 475, waqt illi l-intimat Jeancarl Abela kien qed isuq il-*

*vettura JAO 034, huwa ma kienx kopert bil-polza t'assigurazzjoni maħruġa mill-mittenti;*

2. *Tiddikjara illi Annetta Abela, bħala l-policy holder, u Jeancarl Abela, bħala s-sewwieq tal-vettura JAO 034, huma obbligati illi jħallsu l-ammont imħallas mis-soċjeta' rikorrenti lil terzi, minħabba l-ksur tal-polza t'assigurazzjoni.*

3. *Tillikwida l-ammont illi għandu jitħallas lura mill-intimati in solidum bejniethom fl-ammont ta' sittax-il elf mitejn u ħamsa u tletin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€16,235.65) bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 700/19 datata l-4 ta' Marzu 2019 sad-data tal-ħlas effettiv.*

4. *Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex iħallsu l-ammont hawn fuq imsemmi, u ċioe' l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u ħamsa u tletin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€16,235.65) bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 700/19 datata l-4 ta' Marzu 2019 sad-data tal-ħlas effettiv, jew somma oħra verjuri, lis-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż (inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 700/19 datata l-4 ta' Marzu 2019, u bl-imgħax mill-4 ta' Marzu 2019, kontra l-intimati illi huma min issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Jean Carl Abela[1] fejn ġie eċċepiet illi:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi fit-tieni lok, it-talbiet attriċi jezorbitaw il-kompetenza ta' din il-Qorti rationae materiae stante li fil-polza ta' l-assigurazzjoni hemm klawsola arbitrali, ukoll din il-Qorti m'għandiex il-kompetenza li tisma' din il-vertenza ġaladarba l-claim in kwistjoni joħroġ minn kolliżjoni, allura taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 u l-Att dwar l-Arbitraġġ, dan huwa wieħed mill-każijiet meta għandu jkun hemm arbitraġġ mandatorju;*

[1] Folio 21

3. *Illi bejn l-esponenti u s-socjeta attrici ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika u/ jew kuntrattwali w ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ghandha tipprova l-interess taghha billi li l-polza li tahta qieghda ssir din il-kawza kienet iskritta minn socjeta terza ossia Fogg Insurance Agencies Limited u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda konnessjoni legali bejn ir-rikorrenti u l-intimati;*

5. *Illi fi kwalunkwe każ, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jresqu l-polza oriġinal fejn  Annetta Abela tat il-kunsens taghha sabiex il-polza tkun wahda limitata ghall-persuni 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna kellha tkun diretta biss fil-konfront tal-policy holder u dan stante li kienet hija fl'obbligu li ma tħallix persuni mhux koperti bil-polza milli jsuqu l-vettura jew għal meno, l-obbligu li twissi s-sewwieq li tali polza tal-vettura ma kienetx tkopri lill-esponenti, u dan ai termini tal-proviso tal-artikolu 12 ta' Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi s-socjeta attrici ghandha tressaq il-prova tal-hlas li hija allegatament halset lill-attur fl-arbitraġġ numru M3535/13 fl-ismijiet Montaldo Insurance Limited noe et. vs Fogg Insurance Agencies Limited;*

8. *Illi fil-kumplament, it-talbiet attriċi huma nfundati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Salv kwalsiasi eccezzjonijiet ulterjuri u permessi mill-ligi;*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anne ( ġia Annetta) Abela[2].

Rat l-atti kollha tal-kawża

Semgħet it-trattazzjonijiet

Rat lil kawża kienet imħollija għal sentenza preliminari.

---

[2] Folio 29.

Ikkunsidrat.

Illi din hija sentenza preliminari, imħollija għal lum intiza biex jiġu deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti li jitrattaw identikament l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie* ukoll il-preskrizzjoni ai terminu ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-konvenut, mentri il-konvenuta da parti tagħha teċepixxi l-preskrizzjoni ai terminu ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap 16 imsemmi.

Ikkunsidrat

**Eċċezzjoni *Ratione Materiae*.**

Il-konvenuti jressqu in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie* n kwantu jsostnu li ġialadarba din l-vertenza hija skonthom waħda marbuta ma claim li tirriżulta minn kolliżjoni allura marbuta mall-Kap 104 ukoll l-Att dwar l-Arbitragg, din il-Qorti hija b'hekk minn natura tal-oġġett tal-kawża priva mill-kompetenza li tisma din il-vertenza.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan.

Fl-ewwel lok rat illi fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2021[3] il-Qorti ordnat l-inversjoni tal-provi. Allura, u anke hawn hu hekk miżmum, illi kienu l-konvenuti li kellhom jressqu l-provi li din il-vertenza kienet soġġetta għal klawsola arbitrali. Dan ma sarx.

Jiġi ukoll puntwaliżżżat li ħadd mill-partijiet kontraenti għal din il-polza ma presenta dik iffirmata bejn il-partijiet, l-attriċi ssostni li din ma kienetx baqgħet fi ħdana meta hi assumiet l-atti minflokk Argus Insurance Agencies Limited li kienet se tiġi xolta. Da parti tagħha l-attriċi tramite ix-xhud **John Camilleri** [4] preżentat polza identika għal dak li skontha kienet applikabbli għaż-żmien konċernat. Jixhed, għal darba tnejn, [5] li kienet hekk għax fiha kien hemm ċifri li

[3] Folio 116
[4] Folio 143 et.seq.
[5] Folio 199a

kienu miktubin sew b'referenza għal lira maltija ukoll għal Ewro li fiż-żmien tas-sena 2009 kienet rekwiżit leġali.

Xehed li din il-polza kienet tistipula li kull disputa bejn il-partijiet naxenti mill-istess kellha tkun fi kliem l-istess dokument *;-"... adjudicated by the Maltese Courts."*[6]

In kontro eżami jammetti li din ma kienetx il-polza li ffirmat il-konvenuta għalkemm baqa' insitenti li kienet l-istess.

Jiġi ukoll puntwalizzat lil konvenuti, almenu il-konvenuta nnifisa li kienet ko parteċipi f'din il-polza ma ressqet qatt il-kopja fi ħdana biex issostni l-eċċezzjoni tagħha.

Huwa miżmum illi il-kawża hija determinata mill-premessi u t-talbiet attriċi. Ħarsa lejn dawn huwa ċar illi s-soċjeta' attriċi ma tistrieħx fuq riċerka ta' responsabiltà' ta' l-inċident imma li minn kien responsabbli tiegħu bħala sewwieq kien responsabbli ukoll ma l-assikurat tagħha, allura Anne Abela, għal ksur tal-polza ta' assikurazzjoni n vista li din ma kienetx tkopri sewwieq li ma kellux l-eta' ta' ħamsa u għoxrin sena.

Din it-talba tmur oltre l-arbitragg in kwantu dan kien ġia stabilixxa illi ta' l-inċident kien jaħti biss is-sewwieq konvenut Jean Carl Abela. Dan mhux kontradett b 'ebda prova u dan jingħad għaliex l-attriċi naqset li tippresenta il-lodo fil-forma kompleta tiegħu.[7]

Konsegwentement, in kwantu kif sew issostni l-attriċi hawn it-talba tagħha tistrieħ fuq ksur ta' kundizzjoinijiet tal-polza assikuratriċi, allura tal-patt li hi kellha mal-assikurata tagħha, tqies li din l,eċċezzjoni m'għandix mis-sewwa u konsegwentement qed jiġu miċħuda it-tieni eċċezzjoni ta' Jean Carl Abela u l-ewwel eċċezzjoni ta' Anne (Annetta) Abela.

## Preskrizzjoni

[6] Folio 135
[7] Ara folio 46 et seq ukoll folio

L-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa t-tnejn huma marbuta mal-preskrizzjoni dik ai terminu ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 u dik li hi mressqa ai terminu ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

## L-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Fis-sentenza ċitata mill-abbli avukat tal-konvenuti fl-ismijiet **Inna Said v. Massimo Bonello, Albert Sammut u Motor Insurance Pool (ġà Motor Omnibus Pool)[8],** li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, sa fejn jirrigwarda l-eċċezzjoni identika n eżami ntqal hekk mill-ewwel Qorti dwar l-istess:-

*»Illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin jinġabru taħt żewġ disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri l-artikolu 2153 u l-artikolu 2154. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, iwasslu biex l-azzjoni taqa' fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ressqitha, u l-azzjoni attriċi tieqaf hawn;*

*»Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ikun jgħodd għall-każ, ma jkun jiswa xejn li l-qorti tistħarreġ il-provi, ħlief dawk li huma meħtieġa biex tistħarreġ il-kwestjoni tal-preskrizzjoni;*

*»Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin. Kieku l-*

[8] 27 ta' Marzu 2020 Rikors maħluf numru 1120/13 JRM

*obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwalihuwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha;*

*»Illi kif ingħad, dak li għandu jiġi mistħarreġ f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk il-premessi u l-kawżali li fuqhom tissejjes l-azzjoni attriċi jammontawx għal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-imħarrkin;*

*»Illi f'din il-kawża l-attriċi tixli lill-imħarrek Bonello b'negliġenza u imprudenza waqt sewqan, li b'riżultat tiegħu ġarrbet danni, fosthom dawk ta' korriment li ma jgħaddix. Ġie ritenut li f'każ ta' danni mġarrba b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih l-attur allegatament ġarrab danni li ma jgħaddux, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt l-artikolu 2154; »Illi l-qorti hija ta' l-istess fehma. Fil-każ ta' llum, l-azzjoni hija għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat taħt l-artiklu 226 tal-Kodiċi Kriminali, għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali hija regolata fl-artikolu 688(e) ta' l-istess Kodiċi, jiġifieri dik ta' sentejn. L-azzjoni ċivili mressqa permezz ta' din il-kawża għalhekk, ukoll taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn;*

*….*

*»Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrkin hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt."*

Ukoll

*"Kif qalet ukoll din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Dalli v. Monomark Developments Ltd****, deċiża fit-13 ta` Marzu 2009 :-*

*"`Bl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha s-soċjeta` konvenuta tissottometti illi l- azzjoni hija preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Kif insenjat mill-ġurisprudenza "la prescrizione biennale stabilita dall`articolo 1917 dell`ordinanza VI del 1868 (korrispondenti għallArtikolu 2153, Kapitolu 16) non riguarda le azioni di risarcimento di danni derivate da dolo e colpa contrattuale" ("Dr. Carlo Galea Naudi vs- Negte. Salvatore Zammit", Appell Ċivili, 9 ta` Marzu, 1925), iżda "hi applikabbli għad-danni extra-contrattuali jiġifieri li ġejjin mhux minn inadempjenza ta` obbligazzjoni imma ex delicto vel quasi" ("Negte. Salvatore La Rosa De Cristoforo nomine -vs- Henri Rouselle nomine", Appell Kummerċjali, 17 ta` Frar, 1936)."*[9]

[9] Andrew Agius u martu Nikolina Agius u Zoqdi Developers Limited vs Direttur Dipartiment tat-Toroq, u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2010, l- Awtorita` għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti bħala konvenut minflok id-Direttur Dipartiment tat-Toroq et. 17 ta' Marzu, 2021; Rikors numru 889/09/1

Huwa ċar, u jerġa jiġi ripetut lil kawża mressqa m'għandha xejn x'taqsam ma reat Kriminali naxxenti minn sewqan negligenti u danni emergenti, lanqas ma hija waħda ta' natura akwiljana kif donnu qed jippretendi l-konvenut meta eċċepixxa din il-prekrizzjoni biennale.

Il-Qorti taqbel lil kawżali huma marbuta mal ksur tal-ftehim assikurativ u ċioe li l-assikurata kienet obbligata lil vettura tagħha ma tiġix misjuqa minn ebda persuna taħt l-eta' ta' ħamsa u għoxrin sena. Konsegwentement din l-eċċezzjoni maħsuba ai terminu ta' l-artikolu 2153 m'għandix mis-sewwa u qegħda tiġi miċħuda.

**L-artikolu 2156(f) tal-kap 16.**

In soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti tirreferi għas-segwenti deċiżjoni fl-ismijiet **Paul u Vincenza konjugi Tabonev.Dominic u Mary konjugi Cutajar sentenza mogħtija mill-Prim'Awla kkonfermata mill-Appell.** [10]**,**

*"(i) Mertu tal-vertenza.*

*"Illi din hija kawza dwar kreditu fejn l-atturi jsostnu li l-konvenut Dominic Cutajar kien xtara merkanzija minghand l-attur Paul Tabone. Fis-26 ta' April 1993, il-partijiet iffirmaw skrittura ta' kostituzzjoni ta'debitu (Dok."GM" a fol. 40 tal-process) fejn Dominic Cutajar f'ismu proprju ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur fis-sommata' hamest elef erba' mija u seba' liri u tlieta u tmenin centezmu (Lm5,407.83) versu l-attur Paul Tabone. L-imsemmi debitu, flimkien ma' l-imghax ta' tmienja fil-mija(8%) fis-sena mid-data tal-iskrittura sad-data tal-effettiv pagament, huwa ripagabbli fi kwalunkwe zmien a semplice rikjesta ta' Paul Tabone. Fl-istess skrittura gie dikjarat li apparti s-somma ta' Lm5,407.83 hija dovuta wkoll is-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira, tlieta u erbghin centezmu, u seba' millezmi (Lm473.43c7) rapprezentanti imghax mhux imhallas. Din is-somma hija wkoll ripagabblia semplici rikjesta tal-kreditur fi kwalunkwe zmien. B'hekkl-atturi pprezentaw citazzjoni bil-procedura tal-giljottina fl-20 ta' Gunju 2003.*

[10] Deċiża 30 ta' April, 2009: Appell Civili Numru. 622/2003/1

*"Illi l-Qorti, kif diversament presjeduta, awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet. Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-pretensjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 billi allegaw li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija skrittura privata. Inoltre'l-konvenut eccepixxa wkoll li f'kaz li l-eccezzjoni ta'preskrizzjoni tigi michuda, l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut fit-totalita` tieghu ghax huwa esagerat."*

*(ii) Apprezzament Legali.*

*"Illi fl-ewwel lok ghandha tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta'preskrizzjoni. Il-konvenuti eccepew l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16. Dan l-artikolu jipprovdi li:-*

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjonibl-eghluq ta' hames snin:*

*"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra,meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra,taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

*"Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Philip A. Tabone noe vsConcrete Mix Limited**" (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004 -Cit. Nru: 1750/99/JRM) fir-rigward ta' dan l-artikolu jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin'preskrizzjonijiet qosra'. Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa (Ara, per ezempju,Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-Trattato Teorico-Pratico diDiritto Civile [Vol.XXVIII, 'Della Prescrizione'par.712).Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma 'kreditu' tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta'debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma 'kreditu' msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (ara kawza fl-ismijiet "Naudi vs Maltacomp.l.c. P.A.(GCD) – 9 ta' Novembru 2001). Ta' min jghid lic-cirkostanzi kollha mahsubin fl-Artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta'flus u mhux obbligazzjonijiet di fare*

*"Illi peress li l-preskrizzjoni 'residwali' mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni "eiusdem generis", allura dan igib mieghul-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta'flus (App.Civ 7/2/1949 fil-kawza fl-ismijiet Saliba et vs Grech[Kollez. Vol.XXXIII.i.397]). Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni*

*tapplika ghal zewg ordni ta' krediti : jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus P.A. 19/10/1954 fil-kawza fl-ismijiet Mifsud vs Pullicino[Kollez. Vol XXXVIII.ii.588])"*

*"Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi l-kreditu pretiz mill-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kap.16*

In tematika ngħad hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock v. Maltacom p l c**[11] li kienet titratta vertenza ta' ħatriet fi ħdan il-konvenuta:

*"F'sentenza moghtija fis-7 ta' Frar 1949 in re Giovanni Saliba et versus Angelo Grech*[12] *il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet hekk:*

*"Dak l-Artikolu [Art. 2156] jikkontempla l-kazijiet ta' krediti ghal cnus, ghar-renditi perpetwi jew vitalizji, ta'interessi fuq cnus bollali, ta' pensjoni ghall-alimenti, ghall-hlas ta'kera, ghal hlas ta' interessi, ghal somom dovuti ghal self,jew pagabbli annwalment, ghar-restituzzjoni ta'mutwi; umbaghad tigi dik is-sezzjoni fejn jinghad "ghal hlas ta' kull kreditu iehor … … …". Dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkonnetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma indikati krediti specifici,u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis,skond ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza."*

*"Ghalhekk, l-obbligazzjoni li fuqha qeghdin jistriehu l-atturi ma hix wahda li taqa' taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili, u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija michuda"*

Ikkunsidrat

Illi kif ġia ngħad din il-vertenza tiċċentra dwar ksur ta' polża assikurativa f'isem il-konvenuta. Dan il-ftehim mhux milqut b'dak prospettat f'xi kreditu dovut

[11] 25 ta' Frar, 2005 Appell Civili: Numru. 2447/1998/1

[12] Vo. XXXIII-I-397. Ara wkoll **Lorenza Buttigieg et versus GioBatta Caruana**, Qorti ta' l-Appell, 14 ta' Frar 1955, Vol. XXXIX-I-101

maħsub fl-artikolu 2153 kif fuq spjegat. Konsegwentement tqies li anke din l-eċċezzjoni mhux waħda tajba.

**Konsegwentement din il-Qorti qegħda tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet mressqa bi spejjeż għal konvenuti bejniethom.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Dep.Reġ**